NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

*Marzu – April 2000* **NRU. 113**

## *Messagg mill-Arcipriet*





Id-dawl rebbieħ ta' Kristu din is-sena se jiddi nhar it-23 ta' April meta l-Knisja tiċċelebra l-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej –Sibt il-Għid fil-għaxija, il-ġemgħa Nisranija tinġabar fis-skiet ta' knisja mdallma bid-dlam li waqa' fuq il-ħolqien fil-mewt tal-Mulej. Imbagħad, wara li jitqabbad in-nar il-ġdid tal-ħajja l-ġdida, is-saċerdot jgħolli 'l fuq il-blandun mixgħul, li jirrappreżenta lil Kristu (li kien qal: "Jien id-dawl tad-dinja".), u b'leħen għoli jħ abbar: "Id-Dawl ta' Kristu" li għeleb id-dalma tal-qabar u rebaħ fuq id-dnub, il-ħażen u l-mewt.

Ġesù irid iseħibna mar-rebħa tiegħu. "Intom id-dawl tad-dinja" qalilna. Din hi l-missjoni tan-nisrani fis-soċjetà: li bi kliemu, b'għemilu u bl-imġieba tiegħu jkun xhud għad-dawl ta' Kristu.

Għandna b'eżempju ewlieni tagħna lil San Ġorġ – dawl li idda qalb l- Insara tas-seklu erbgħa wara Kristu u għadu jiddi sallum. San Ġorġ hu d-don ta' Ġesù Kristu lilna; tahulna biex mhux biss bl-interċessjoni tiegħu, imma wkoll bl-eżempju tiegħu jurina x'għandna nagħmlu u kif għandna nkunu "dawl" għal xulxin.

Il-Knisja Kattolika tissellef kliem l-isqof Pietru Damjani u tgħidilna: "Inharsu, ħuti għeżież, lejn dan is-suldat ta' l-eżerċtrade union tas-sema, mhux biss biex nistagħġbu bih, imma wkoll biex insiru nixbħuh." Jekk insiru nixbħu lil San Ġorġ, allura nkunu xxebbaħna ma' Kristu, id-dawl tad-dinja.

Għalhekk, ejjew nilqgħu l-istedina li donnha toħroġ mill-koinċidenza misterjuża ta' l-Għid il-Kbir, li f'din is-sena tal-Ġiblew il-Kbir qed jaħbat f'jum San Ġorġ. Jiena nemmen li l-fatt li l-Għid il-Kbir qed jaħbat fil-Jum Ġorġjan tat-23 ta' April għandu tifsira għalina. Għandna naraw fih bħal xhieda providenzjali. Ta' kif ir-rebħa ta' Kristu tidher fin-Nisrani li jilqa' l-missjoni tiegħu li jkun "dawl", "sinjal" u "preżenza" ta' Kristu fid-dinja.

Id-dinja għandha bżonn il-preżenza u l-ħidma ta' l-Insara. Hi ħasra li bosta drabi aħna l-Insara ma nkunux sensibbli biżżejjed għal din il- verità. Ġesù, rebbieħ fuq il-mewt u d-dell tal-mewt, ifakkarna f'dan il-Għid tiegħu tal-bidu tat-tielet millenju Nisrani: Intom id-dawl tad-dinja, Intom id-dawl tiegħi li jiddi fid-dinja. Intom id-dawl tiegħl li teħtieġ id-dinja.

Nixtieq lill-qarrejja kollha ta' din ir-rivista parrokkjali l-Għid it-Tajjeb mimli bit-tama ta' kull barka tas-sema. Nistedinkom tieħdu sehem sħiħ fil-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Bażilika tagħna tul il-Ġimgħa Mqaddsa u fil-festa liturġika ta' San Ġorġ, il-Patrun Glorjuż tagħna.

*Mons Ġużeppi Farrugia, Arcipriet*

# L-GĦID IT-TAJJEB LIL KULĦADD

# IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

Ufficcju Editorjali: CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Ghawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL -KOMUNITA` PARROKKJALI

26.2.2000: MARIANA, bint Mario Bugeja u Doreen neè Mifsud
27.2.2000: RICCARDO, iben Teddy Gatt u Dr. Nathalie neè Ellis
27.2.2000: CLAIVION MARIO, iben Ruben Said u Pauline neè Muscat
05.3.2000: ANTONELLA, bint Maurizio Sgueglia u Jasna Deticek
19.3.2000: THERESE, bint Alfred Zammit u Rose Mary neè Rapa
19.3.2000: JOSEPH OWEN, iben Franco Borg u Catherine neè Camilleri

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

08.04.2000: Lorriane Farrugia u Joseph DeBrincat

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

08.02.2000: Tarċisja Zammit
20.02.2000: Ġorġ Farrugia
24.02.2000: Maria Stella Camilleri
26.02.2000: Maria Antonia Bezzina
06.03.2000: Toni Xuereb
25.03.2000: Ġorġ Tabone


## LOURDES 2000

**Pellegrinaġġ ieħor organiżżat mill-Parroċċa tagħna mis-7 sat-12 t'Awissu 2000**

*Dettalji u Programm mill-Uffiċċju Parrokkjali*
*Imexxi l-Grupp:* **Mons Salv Borg**

**FIL-KUMPLESS TAT-TEATRU ASTRA**

# IDEAL HOME EXHIBITION

**IL-ĠIMGĦA, IS-SIBT U L-ĦADD**
**14, 15, 16 ta' APRIL 2000**

**IR-RADJU TAL-KOMUNITÀ TAGĦNA**
**"LEĦEN IL-BELT VICTORIA"**
**REĠA' BEDA JXANDAR**
**104 FM STEREO**
***Mit-2 ta' April sa l-1 ta' Mejju***


# Editorjal

## "SEBĦ TA' JUM BLA TMIEM"

Sebħ ta' jum bla tmiem": hekk jgħanni l- poeta nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila fl-Innu ta' fil-għaxija li ta' spiss inkantaw flimkien.

Wara l-Passjoni ħarxa li sofra għal dnubietna l-Iben t'Alla magħmul bniedem, huwa qam minn bejn l-imwiet. Rebaħ id-dn*ub u l-mewt. Għalhekk f'dak l-innu nkantaw " Inti li* dejjem tgħammar, fis-sebħ ta' jum bla tmiem". Ir-rebħa tiegħu ser infakkruha nhar l-Għid il-Kbir: l-ikbar festa li għandha l-Knisja Kattolika. U bir-raġun! Kif jgħdilna San Pawl, f'waħda mill-ittri tiegħu, ma kienet tkun tiswa xejn il-fidi tagħna mingħajr il-Qawmien ta' Kristu.

Tajjeb għalhekk, li matul il-ġranet li baqa' mir-Randan Imqaddes u speċjalment matul il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa nirrifflettu sew fuq dan il-misteru tal-Fidi tagħna. Ġesù Kristu għadda mill-mewt għall-ħajja biex lilna fetħilna l-bibien tas-Sema pajjiżna. Għalhekk nifirħu u nkantaw "Allelujah" f'dawn il-ġranet qaddisa ta' l-Għid il- Kbir. J'Alla l-ferħ ta' l-Għid jimlielna qlubna u jqawwina matul is- sena kollha u speċjalment matul din is-Sena Ġubilari, meta qed infakkru għeluq l-200 sena mit-twelid tiegħu. Ir-rebħa ta' Kristu għ andha timliena bil-kuraġġ biex aħna wkoll nirbħu fuq il-ħażen –kollu ta' madwarna u nsiru nixbħu lilu, biex miegħu, 'l quddiem ningħaqdu mal- Missieru ma' l-Ispirtu s-Santu fil-glorja eterna.

## GĦID IEĦOR

U propju f'dawn il-ġranet il-parroċċa tagħna tfakkar sollennement il-martirju tal-patrun ta' beltna u ta' gżiritna San Ġorġ. Mingħajr biża' u b'rasu merfugħa 'l fuq San Ġorġ ma ġiex mirbuħ mill-ħażen ta' żmienu. Tagħlima għalina li kultant nitilfu l-qdusija li lbisna fil-magħmudija tagħna ma' l-ewwel tentazzjoni. San Ġorġ jgħ allimna nkunu sodi fil-Fidi tagħna. Jgħallimna nkunu Nsara veri kif kien hu u li xehed għall-Fidi tiegħu billi wasal biex ċarċar demmu.

Nifirħu u nagħmlu festa f'jum San Ġorġ, imma dan il-ferħ u l-festa li niċċelebraw ma nħalluhomx jibqgħu 'l barra minn qlubna. Hemm bżonn nimpenjaw ruħna iktar biex l-eżempju ta' San Ġorġ jagħmel minna Nsara veri. Insara li kapaċi ngħidu le lill-ħażen li jdwarrna. Insara li nafu li jekk nimxu fuq l-eżempju tiegħu hemm il-glorja tas-sema tistenniena.

B'Riferiment għall-l-artiklu dwar ***"The Geisha"*** (Il-Belt Victoria: Jannar - Frar 2000, Nru.112, p.8) inżidu ngħidu li s-**Sur Toni Mizzi** kellu kompletament f'idejh il-produzzjoni u d-direzzjoni artistika meta din l-istess operetta saret fl-1971 fit-Teatru Astra. Niskużaw ruħna.

***L-Editur***

# SEMINAR DWAR IL-FAMILJA

Il-Parroċċa tagħna organiżżat seminar ta' nofs ta' nhar f'Dar Manresa nhar is-Sibt 26 ta' Frar 2000 bħala parti mill-programm ta' attivitajiet tas-Sena Ġubilari bi prepġarazzjoni għat-tiġdid meħtieġ fil-Millenju l-ġdid. Liġikament intagħżel is-suġġett tal-pastorali tal- familji peress li parroċċa u familja huma l-istrutturi bażiċi fil-Knisja u fis-soċjetà. Wara s-Salmi ta' sbieħ il-jum, il-laqgħa bdiet b'intervent tal-Kappillan ta' H'Attard, Dun Dione Cutajar, li spjega, megħjjun mill-koppja Joe u Lucienne Said (attivi sew f'diversi setturi), l-esperjenza tal-parroċċa tiegħu. Il-mistoqsijiet u l-kummenti mis- sala wrew l-interess li tqajjem. Imbagħad il-*parteċipa*nti nqasmu f'erba' workshops biex jiddiskutu fid-dettal xi aspetti pożittivi u negattivi tas-sitwazzjoni preż enti, u biex joffru suġġerimenti prattiċi ta' kif jistgħu jissolvew problemi u jinħatfu opportunitajiet. Per eżempju saret enfasi fuq il-bżonn ta' tisħiħ tal-kuntatti bejn iċ-Ċentru Parrokkjali u t-trufijiet tar-Rabat, kif ukoll ta' żjarat regolari.

Dawn il-punti nġabru fis-sezzjoni finali fil-preżenza ta' Mons Isqof Nikol Cauchi li ta wkoll il-messaġġ tiegħu u faħħar dawn l- inizjattivi tant bżonjużi. L-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia kkonkluda l-okkażjoni billi rringrazzja lil dawk li għenu fl- organizz-azjoni u lin-numru sabiħ minn firxa wiesgħa ta' kategoriji li ħadu sehem tant attivament. Huwa wiegħed li dan il-materjal ser jiġi studjat mill-iktar fis biex jibda jitħaddem fil-qafas ta' pjan sħiħ, anke b' *follow-ups*.



*Uħud minn dawk li attendew għas-Seminar. Fuq ix-xellug jidher Mons Isqof.*

# TLESTIET ID-DEKORAZZJONI U PITTURA GĦAS-SAQAF TAS-SAGRESTIJA

Id-dekorazzjoni tas-saqaf tas-Sagretija l-kbira tlesta u kulħadd ammira l-artistrija li wera d-disinjatur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi biex fassal din id-dekorazzjoni fi tliet taqsimiet u b"hekk integra t-travi tal-konkos li qed lżommu s-saqaf bi kwadru centrali f'kull taqsima. Ix-xogħol tal-pasta inħadem mis-Sur Anthony Xuereb filwaqt li l-indoratura u l-pittura bil- "chiaroscuro" kienu f'idejn is-Sur Mario Camilleri Cauchi mgħejjun minn ibnu Ruben u ż-żgħażagħ Austin u Joseph Camilleri. Xogħol voluntarju ta' żebgħa sar mis-Sur Carmel Farrugia u mis-Sur Anton Farrugia. It-tliet kwadri, li ser jitpittru mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, se jirrappreżentaw l-istorja tar-Reliġjon Nisranija u tal- qima lejn San Ġorġ fil-gżira ta' Għawdex li tiegħu, sa mill-qedem, San Ġorġ hu l-Patrun u Protettur ewlieni. It-temi tat-tliet kwadri se jkunu dawn:

1. Il-konverżjoni ta' l-Għawdxin u d-dħul tal-qima lejn San Ġorġ fostna permezz ta' l-Insara Biżantini.
2. Il-bini mill-ġdid tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ bejn l- 1672-78 bil-għajnuna tal-Kommendatur t'Għawdex Francesco de Cordoba
3. Il-miġja fostna tar-Relikwija ta' San Ġorġ minn ruma fl-okkaż joni tal-Festi Ċentinarji tayt-Twelid tiegħu li saru f'Ruma u f'Għawdex fl-1984.



*Parti mis-saqaf tas-sagrestija l-kbira bid-dekorazzjonijiet li saru*

Din l-opra ma kenitx issir mingħajr l-inizjattiva u l-ħidma kbira ta' Mons Anton Grech Vella, Kan. Też. tal-Kapitlu Ġorġjan, li ġabar il-flus u ħadem bla heda għaliha. Miegħu kkollabora bi sħiħ is-sur Mario Attard. Ta' min isemmi ukoll lis-Sur Anthony Zammit u lis- Sur George Schembri li kellhom f'idejhom ix-xogħol tad-dawl u l-aħwa mastrudaxxi s-Sinjuri Ġużeppi u Baskal Grech.

**NIFIRĦU...**lill-Kandidati kollha li ġew eletti fl-elezzjonijiet tal-11 ta' Marzu 2000 biex jiffurmaw il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Nifirħu wkoll lis-Sur Josef Schembri li ġie maħtur Viċi-Sindku, imma b'mod partikolari u singulari nifirħu minn qalbna lis-Sur Paul M. Cassar, membru tal-Komunità Parrokkjali tagħna, ex-Segretarju Ġenerali u ex-President tal-Banda La Stella u minn dejjem benefattur tal-Bażilika tagħna, li ġie magħżul Sindku tal-Belt Victoria. Aħna konvinti li l-Kunsill Lokali l-ġdid ser jaħdem għall-ġid u l-progress ta' Beltna. Dan hu l-awgurju tagħna u tal-popolazzjoni tal-belt ewlenija t'Għawdex.



**LEJN IS-SENA 2003**

# San Ġorġ Martri

## *Ġrajjiet ta' Qima u ta' Ħarsien*

*minn* **Dun Ġużepp Gauci**

Il-Kult ta' San Ġorġ hu xi ħaġa dejjem attwali. Din il-verità, jixdhu għalija għadd ta' ġrajjiet li seħħew f'kull żmien u f'kull post tad-dinja sa mill-ewwel snin wara l-Martriju glorjuż ta' San Ġorġ li seħħ fis- sena 303 W.K.

Mill-Kollezzjoni tiegħI "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura" li tiġbor fiha tagħrif ta' kull xorta dwar San Ġorġ Martri, irnexxieli nikseb informazzjoni dokumentata dwar ħafna minn dawn il-ġrajjiet, li kienu nstemgħu wkoll fil-programm dwar il-Ħajja u l-Kult ta' San Ġorġ li kont għamilt fuq ir-Radju tal-Komunità Ġorġjana matul il-Ġimgħa tal- Festi ta' San Ġorġ tas-sena 1999. Għalhekk f'dan l-artiklu ser noffri lill-qarrejja ta' din ir-rivista Ġorġjana, uħud minn dawn il-ġ rajjiet, bil-ħsieb li jgħinu lill-membri tal-Komunità Parrokkjali fit-tħejjija tagħhom għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sbatax-il Ċentinarju mill- Martirju Glorjuż ta' San Ġorġ.

**Ir-Relikwiji ta' San Ġorġ f'Como**

Il-Prinċipessa Teofano ta' Kostantinopli, fis-sena 972 Iżżewġet lill- Imperatur Ottone II, u kellhom tifla jisimha Felicita. Aktar tard, din it-tifla saret il-Badessa tal-Monasteru ta' S. Felice ta' Pavia, fl-Italja. Meta kienet qrib il-mewt, talbet li jindifnu magħha ir-Reliikwiji ta' San Ġorġ biex, kif qalet hi stess "tkun ċerta li tqum għall-ħajja, fi tmiem id-dinja". Dawn ir- Relikwiji ta' San Ġorġ kienu nġabu f'Pavia mill-Lvant u baqgħu fil- Monasteru ta. S. Felice sa l-1795, meta ġie magħluq mill-Imperatur ta' l-Awstrija, Franz II. Dak in-nhar, ir-relikwiji ta' San Ġorġ ġew trasferiti lejn Como mill-Isqof Giuseppe Bertieri ta' Como, fejn għadhom sa llum. Huma kienu parti mir-Relikwiji ta' San Ġorġ li fuqhom sar studju antropoloġiku fl-Università ta' Bologna fl-1978 immexxi mill-Professsur Fiorenzo Facchini, Direttur ta' l-Istitut Antropoloġiku ta' l-istess università. Dan l-istudju, li sar b"inizjattiva ta' Mons Dante Balboni ta riżultati pożittivi ħafna dwar l-awtentiċità ta' dawn ir-relikwiji. (Ara: *Maggioni, Sua.Ecc. Mons Ferdinando: Convegno di Studi: Basilica S. Giorgio al Palazzo: Milano 1984*)

**Il-"FRITTATA" ta' San Ġorġ ta' Vieste**

Fi Vieste, Provinċja ta' Foggia, fl-Italja, San Ġorġ hu meqjum bħala Patrun, minkejja li l-Knisja Parrokkjali mhix dedikata lilu. Il- Festa ta' San Ġorġ issir fit-23 t'April, u t-tfal jieħdu sehem f'ċ elebrazzjoni speċjali li ssir għalihom, billi jieħdu magħhom "frittata" li jkunu ħejjewlhom minn qabel il-ġenituri tagħhom. Wara li tintemm il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ.it-tfal jieklu l-"frittata". F'manuskritt Grieg tas-seklu tnax li jinsab fi Brussels, fil-Belġju, jingħad li darba fl-inħawi kien hemm tifel u kull meta jilgħab ma' sħabu kien jitlef. Darba, iddispjaċut għall-aħħar għax tilef, dawwar wiċċu lejn fejn kien hemm il-Knisja żgħira ta' San Ġorġ, u minn qalbu talab: "San Ġorġ, għinni nirbaħ u ġiblek "frittata" sabieħa." U rebaħ, u mhux darba u tnejn: baqa' jirbaħ. U mar id-dar, qal lil ommu xi ġralu u ommu lestietlu "frittata" u ħadha lil San Ġorġ. Wara ftit għaddew xi negozjanti minn hemm, daħlu fil-Knisja u kif sabu dik il-"frittata" lesta, qabdu u kiluha. Imma, x'ħin ġew biex joħorġu mill-Knisja, ma setgħux. Tefgħu xi ħaġa tal-flus fejn kien hemm il-"frittata"..għalxejn. Tefgħu xi ħaġa aktar..għalxejn. X'ħin kollha kemm huma tefgħu xi ħaġa sewwa tal-flus setgħu joħorġu. B"hekk baqgħet it-tradizzjoni tal-"frittata" fil-Festa ta' San Ġorġ ta' Vieste. (Ar*a: Ruggieri Vincenzo: "Il miracolo X Greco di S. Giorgio e la citta' di Vieste: Vieste, 1980)*

**Il-Knisja Etijopika ta' Lalibela**

San Ġorġ hu l-Patrun nazzjonali ta' l-Etijopja. Fir-raħal ta' Lalibela, hemm għadd ta' knejjes "monolitiċi", jiġifieri maqtugħin minn blata waħda, taħt l-art. Fost dawn, dik iddedikata lil San Ġorġ, hi l- aktar waħda magħrufa. Jingħad li meta r-Re Lalibela kien g"ħadu kemm lesta grupp ta' knejjes li hemm fl-inħawi, deherlu San Ġorġ u ċanfru bl-ikraħ għax lilu ma bnielux knisja. San Ġorġ deher liebes ta' suldat fuq żiemel abjad. Ir-Re Lalibela wiegħed lil San Ġorġ li jibnilu l-isbaħ knisja f'dak il-post, Jingħad ukoll li San Ġorġ kien jidher spiss jara l-progress fix-xogħol tal-Knisja. Infatti, illum, il-Patrijiet Ortodossi Etijopiċi li jieħdu ħsieb dawn il- knejjes, għadhom juru l-marki tan-nagħal taż-żiemel ta' San Ġorġ fil- blat qrib il-Knisja. *(ara: Tourist Information Centre: "Lalibela: Ethiopia": Ethiopia. 1970)*

**San Ġorġ irebbaħ lin-nies ta' Pizzo**

Fis-Seklu XV, żewġ bastimenti mill-flotta Ottomana li kienet immexxija minn Scipione Cigaia, resqu lejn ix-xtut ta' Pizzo, fil- provinċja ta' Catanzaro, fl-Italja, bil-ħsieb li jisirqu l-belt u jieħdu l-aħjar nies tagħha lejn Kostantinopli biex ibiegħuhom ilsiera. In-nies tal-belt ingħalqet fis-swar u bdiet reżistenza armata diffiċli. Meta r-reżistenza deher li qed iddur favuŕ l-egħdewwa, fost in-nies ta' Pizzo deher gwerrier liebes ta' suldat Ruman li, b'qawwa kbira, ħadha kontra l-għadu, u fi ftit żmien żarmaħ, tant li kollha kemm huma telqu jiġru lejn il-bastimenti u malajr baħħru 'l bogħod minn Pizzo. Il-poplu feraħ u radd ħajr 'l Alla, u fittex biex jara fejn mar dak il-gwerrier Ruman. Imma għalxejn! Għax ma deher imkien aktar. F'daqqa waħda, instema' leħen jgħajjat: "Dak kien San Ġorġ! Kien San Ġorġ! Viva San Ġorġ! Viva San Ġorġ! Viva San Ġorġ!" U l-poplu kollu għajjat: "Viva San Ġorġ!" U dakinhar għamlu wegħda li jkabbru l-Knisja tal-post li sa llum għadha dedikata lil San Ġorġ. *(ara: Cortese, Franco: "Dati storici sulla Chiesa Collegiata di Pizzo": Pizzo,* 1977)

**San Ġorġ ta' Ħal Qormi**

Il-Qormin ta' Malta jħobbuh bil-kbir lil San Ġorġ u kull sena jagħ mlulu festa mill-aqwa.Ġrajja tassew interessanti tal-ħarsien ta' San Ġorġ fuq Ħal Qormi u l-Qormin hi dik tal-Poeta Qormi, Ġużè ∞Muscat Azzopardi. Hu stess jirrakkonta li f'April 1885, meta kellu 23 sena, kien marid għall-mewt. Jumejn wara l-festa ta' San Ġorġ, jiġ_ifieri fil-25 t'April, tant għadda għall-ħażin li għamlulu s- Sagramenti tal-



*Il-Knisja ta' San Ġorġ f'Pizzo, Catanzaro, fl-Italja*

Morda, fi kliemu stess "tawh l-għodda ta' Alla". Ħ ames tobba mill-aħjar, iddikjaraw li ma kellux isebbaħ. Ġużè Muscat Azzopardi jkompli jirrakkonta: "dak il-lejl hewdint ħafna li qiegħ ed nitkellem ma' San Ġorġ, u mas-sebħ għaddejt, f'daqqa waħda, għall-aħ jar". Ġużè Muscat Azzopardi miet ta' 74 sena, fl-1927. Biex ifakkar dil-ġrajja, kiteb lil San Ġorġ:

"Meta kont f'dak il-hemm kollu
li qatt Iżjed ma ninsieh,
maqtugħ jiesi, ruħi ħierġa,
taħt il-qilla ta' l-uġiegħ,
qatt ma bsart li f'din l-art
nerġa' ntik tifħir u ġieħ.

Lilek tlabt tidħol għalija,
Fi qdusitejk ittamajt.
Ma hewdintx meta deherli
Li ma ġenbi Lilek rajt.
Minn qiegħ qalbi, int smajt talbi
U l-fejqan Int lili qlajt".

(ara: *Bienchi Ġorġ u Sammut Pawlu Ed.: "Ward mill-Ġnejna Qormija": Qormi 1984*).

**San Ġorġ u S. Giorgio Morgeto**

Fil-Provinċja ta' Reggio Calabria hemm Comune li jismu S. Giorgio Morgeto. Qrib is-sena 900, kien jismu biss Morgeto, u f'dawk iż-ż minijiet, il-Mori attakkaw din il-belt u assedjawha għal sitt xhur sħaħ. Innies ta' Morgeto kienu waslu biex iċedu meta f'daqqa u l-ħin, f'nofs il-Mori li kienu jassedjaw il-belt, deher kavallier fuq żiemel abjad jeħodha kontra l-Mori. Fi ftit ħin irnexxielu jħ arbathom u l-Mori qabdu t-triq lura u telqu lejn ix-xwieni tagħ hom u baħħru lejn pajjiżhom. Il-Morgetani għarfu li dak il-kavallier kien San Ġorġ, u minħabba f'hekk biddlu l-isem ta' belthom ma dak ta' S. Giorgio u lil San Ġorġ ħatruh Patrun u Protettur tagħhom. Fl- 1864, is-Sindku u l-Kunsullieri talpost, biex ifakkru dil-ġ rajja, semmew il-post S. Giorgio Morgeto. (*ara: Corvino, Sac. Biagio: "Dati storici su S. Giorgio Morgeto": S. Giorgio Morgeto, 1978)*



*San Ġorġ; pittura ta' l-Etijopja fejn San Ġorġ hu Patrun Nazzjonali*

**l-"Georgstaler"**

Fi żmien il-Kaiser Franz Maximillian, fil-Ġermanja kien hemm munita tal-fidda msejħa "Georgstaler", għax fuqha kien hemm imnaqqxa x-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel qed joqtol id-dragun. Jingħad li waqt battalja, uffiċjal tedesk salva mill-mewt, għax meta ġie sparat tir lejh, il-"bullet" laqtet din il-munita li kellu fil-but, u lilu m'għamlitlu xejn. Din il-kwalità ta' munita bix-xbieha ta' San Ġorġ ġie li tinżamm mis-suldati bħala rahan ta' ħ arsien mill-periklu waqt il-battalji li jkunu fihom. *(ara: "Money of the World - Collect the Money - Discover the World": Magazine Collection - Ornaments & Talismans - Insight 72m- Orbis- De Agostini Group)*

**San Ġorġ u Monforte S. Giorgio**

Il-Festa ta' San Ġorġ fil-Comune Monforte S. Giorgio, Provinċja ta' Messina, għandha oriġini antiki ħafna. Skond tradizzjoni antika, fis-sena 1063, fit-territorju ta' Cerami, saret battalja qalila bejn in-Normanni u s-Saraċini. L-eżerċtrade union Normann ġie maqsum f'żewġ partijiet, waħda mmexxija minn Serlone, u l-oħra minn Ruggero. Meta s-Saraċini sabu ruħhom bejn dawn Iż-żewġ partijiet, ħabtu għal dik ta' Serlone u ħarbtuha, u marru biex jaħbtu għal dik ta' Ruggero li kellu l-fjur ta' l-armata. Ruggero rreżista bil-qawwa kollha. Iżda, fl-aqwa tat-taqbida, deher kavallier sabieħ fuq żiemel abkjad u fuq l-armi bojod kellu salib aħmar u kien imdawwar minn dija qawwija. Ruggero, li kien devot kbir ta' San Ġorġ, għajjat li San Ġorġ kien ġie biex jgħinhom. L-eżerċtu mtela' bil-kuraġġ u għamel rebħa kbira fuq s-Saraċini. Skond it-tradizzjoni, fil-waqt li l-Konti Ruggero kien sejjer lejn Mesina, reġa' lemaħ lill-istess kavallier fuq żiemel abjad taħt il-ħitan tal-Kastell Monforte. Ruggero nterpreta din id-deħra bħala xewqa ta' San Ġorġ li Monforte tkun taħt il-ħarsien ta' San Ġorġ, u b'hekk ġie msemmi, kif għadu sa llum, Monforte S. Gio *rgio. (ara: "Le Feste Tradizionali a Monforte S. Giorgio": Comune di Monforte S. Giorgio*, 1976).

**San Ġorġ ta' "Monte Athos"**

Fuq il-muntanja Athos, fil-Monasteru antik ta' Zografou, fit-23 t'April, kull sena issir il-Festa ta' San Ġorġ, u fost l-irwejjaħ ta' l-inċens, tinġarr f'purċissjoni madwar il-Monasteru, ikona antika ta' San Ġorġ. Jingħad li fil-bidu tas-Seklu X, it-tliet aħwa fundaturi ta' dan il-Monasteru, Mose, Aronne u Gwanni, ma qablux dwar il-qaddis li lilu riedu jiddedikaw il-Monasteru u l-Knisja tiegħu. X'ħ in temmew it-talb tagħhom, fuq wiċċ il-mejda sabu mpittra x-xbieha ta' San Ġorġ. It-tliet aħwa patrijiet, allura, iddedikaw il-Knisja lil San Ġorġ Zografhos (pit*tur). (ara: Grassi E.: "Monte Athos": Verona 1981, pp.81-90*, 1972)

**San Ġorġ u l-merħliet ta' Terento**

Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fil-Comune ta' Terento, fl-Alto Adige, tinsab fil-quċċata ta' muntanja, minn fejn San Ġorġ Iħares l- abitanti tal-post, imxerrdin 'l hawn u 'l hinn fl-inħawi tal-qrib. Il-muntanja tal-Knisja, li– l-ewwel riferenza għaliha hi ta' l- 1334, hi ta' epoka antika ħafna, kif jixhdu l-fdalijiet tal-fuħħar antik misjub fil-post. Il-ħarsien ta' San Ġorġ, mill-għoli ta' din il- muntanja, kien meqjus bħala garanzija kontra t-temp ħażin, 'frani' li jagħmlu tant ħsara, u mard fost il-merħliet. Infatti, l-awtur Georg Graber isemmi li l-gendus tal-ħadid misjub fuq din il-muntanja, u llum għall-wiri fil-Mużew ta' Bolzano, kien xi kwalità ta' "ex-voto" lil San Ġorġ biex Iħares lill-merħliet ta' *Terento. (ara: Kosler- Engl, Waltraud: "Terento: Chiese e Cappelle": Graphic Line, Bo*lzano,1993).

**L-Istatwa ta' San Ġorġ ta' Arcole**

Il-Parroċċa ta' Arcole, fil-Provinċja ta' Verona, fl-Italja, tiftaħar bil-ħarsien ta' San Ġorġ sa minn żminijiet antiki. Iżda, fil-15 ta' Ottubru 1950, ġrat xi ħaġa li kompliet saħħet il-fidi ta' l-Arcolani fil-Patroċinju ta' San Ġorġ. Mingħajr ebda sinjal ta' ħsara minn qabel, waqa' l-kampnar twil tal-knisja li kien mibni fil-ġenb tal-faċċata tagħha. L-istoriku lokali ta' Arcole, Guido Ballarin,. Stqarr li din il-ġrajja kienet tassew mirakoluża: nofs il-belt setgħet mietet. Iżda, minflok, la ntlaqtet il-Knisja li kienet mimlija nies għall-quddiesa tal-Ħadd, la t-tfal li kienu miġburin fil-qrib għat-tagħlim tal-Katekiżmu u lanqas min kien għaddej mill-qrib. F'dak li ġara ġew salvati l-qniepen, fil-waqt li l-istatwa ta' San Ġorġ tar- ram li kien hemm fil-quċċata tal-kampnar tfarrket għal kollox. Veru li San Ġorġ inqered biex isalva lill-poplu tiegħu. L-istatwa ta' San Ġorġ ġiet restawrata minn Gilberto Perlotto ta' Trissino, Vicenza, u ġiet imqiegħda fil-Knis*ja fl-1998. (ara: Fiorin, Luca: "L-Arena": Verona, 2*3 Aprile 1998).

Dawn il-ġrajjiet dwar qima mogħtija lil **San Ġorġ** u l-ħarsien tiegħu fuq dawk li jqimuh, huma ftit mill-ħafna li 'l quddiem għad niktbu wkoll dwarhom. Iżda lkoll kemm huma fihom sejħa partikolari għalina li b'tant imħabba inqimu lil San Ġorġ Martri. Ilkoll kemm» huma jqanq **luna biex nikbru** f'qima vera lejn il-Patrun tagħna San Ġorġ Martri. Din il-qima tikkonsisti l-ewwelnett f'li nagħmlu ħilitna **kollha** biex nimitaħ fix-xiehda kuraġġjuża li hu ta għall-fidi nisranija tiegħu, u t-tieni f'li nersqu lejħ u b'fiduċja qawwija fil-ħars**ien tieg**ħu, nitolbuh l-għajnuna biex nikbru fil-ħajja spiritwali tagħna, u, imbagħad, biex jgħinna fil-ħtiġijiet tagħna. Din hi l-aħjar tħejjija li nistgħu nagħmlu għaċ-ċelebrazzjoni tas-17-il Ċentinarju mill- Martirju glorjuż tiegħu, fis-sena 2003.

# IT-TOKKI TAL-ĦDAX TA' FIL-GĦODU MILL-KAMPNAR TAL-BAŻILIKA TAGĦNA

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Il-qalba f'Għawdex tal-ħajja Għawdxija huma: Misraħ Indipendenza (It- Tokk); ħdejn u madwar il-Bażilika monumentali ta' San Ġorġ u fejn Savina. Dawn it-tlett imkejjen jingħaqdu ma' xulxin u jsiru ċirku wieħed. Barra li f'dawn l-imkejjen hemm il-ħajja, hemm ukoll il- kummerċ. Il-ħajja u l-kummerċ jimxu ma' xulxin u jibnu maż-żminijiet kollha l-istorja. "La r-Rabat, mhux biss fit-tifsira tal-kelma, imma wkoll bil-fatti, k°ien il-post Ewlieni ta' Għawdex, hu kien il- ħajja tassew tal-gżira." [1]

Ma' l-ewwel imrieżaq tad-dawl tax-xemx, mhux biss l-għasafar tal- bejt li jgħaddu l-lejl imwensa fis-siġar tat-"Tokk", u dritt jibdew ipespsu l-ewwel innu ta' radd il-ħajr lill-Mulej, imma wkoll dawk in-nies bieżla tal-ħwienet jibdew jaħsbu għal jum ieħor ta' xogħol u servizz għan-nies.

**L-Arloġġi tal-Knejjes u tax-Xemx**

Ma' l-imkejjen tal-gżira tagħna, tmur fejn tmur bħal bnadijiet oħra fid-dinja, mal-medda twila taż-żmien nibtu d-drawwiet li ħafna minnhom damu ħajjin snin twal, u oħrajn spiċċaw mat-taqlib li ġab miegħu l-istess żmien u nies, u hemm fejn għad fadal xi drawwiet minn ta' niesna ta' dari. Dawn ta' l-aħħar huma biċċa millwirt patrimonjali ta' missirijietna.

Dari ma kienx hawn arloġġi, la fid-djar u lanqas fl-idejn. Infisser ruħi: hawn qiegħed nitbiegħed ħafna. Ħafna mill-arloġġi li naraw mal-knejjes tagħna huma frott tal-magħruf uarloġġar Mikiel-Anġ Sapiano (1826-1912). Qabel dawn l-arloġġi, fil-kunventi kien hemm dawk magħrufa "Tax-Xemx". Min jagħmel żjara lill-kunvent storiku u artistiku ta' San Duminku tar-Rabat f'Malta, jara numru minn dawn l-arloġġi "tax-xemx". L-aħħar arloġġ tax-xemx li sar f'Malta jinsab fid-Dar tal-Kleru "Christus Sacerdos" ta' Birkirkara ( fejn hemm miġbura u mħarsa saċerdoti u reliġjużi anzjani). Kien ħadmu Dun Ġorġ Fenech (illum mejjet) li mill-Parroċċa Arċipretali u Arċimatriċi ta' San Ġorġ ta' Ħal-Qormi, il-Belt ta' Pinto. [2]

F'Għawdex minn dawn l-arloġġi, sa fejn naf jien, hemm wieħed fil-ġenb mal-faċċata tal-Knisja Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja mħarsa mill-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, bil-kliem bil-Latin: "Sole Temperat Signa" ("Ix-xemx timmodera bis-sinjali"; u ieħor fil- Kunvent ta' Santu Wistin ta' Għawdex, fil-ġenb tal-knisja bejn it- twieqi tas-saqaf li jħares lejn nofs in-nhar.

**L-Arloġġi Kbar fil-Kunventi**

Fil-kjostru tal-Kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat Għawdex għadu jeżisti sa llum arloġġ kbir u qadim. Dwar dan l-arloġġ hemm din in-nota fil-bieba minn ġewwa bit-Taljan li bil-Malti tfisser hekk: "Mixtri f'Ottubru 1830 mis-Sur Franġisku Said b'mija u għoxrin skud, u nġieb Għawdex fil-ħmistax, u tpoġġa fl-aħħar tax-xahar. F'Awissu tas-sena 1904, kien irranġat minn Mastru Mikelanġelu Sapiano minn Ħal-Luqa (Malta) b'erba' u ħamsin skud". (Dwar Mikelanġ Sapiano ara artiklu ta' Ġużè Dimech De Bono fil-Pronostiku Malti 1949 pp. 78-85).

Dwar l-arloġġ ta' Santu Wistin insibu wkoll li fl-24 ta' Marzu 1941 reġa' ġie rranġat. F'Novembru tal-1951 ġie mmontat u mnaddaf, rota rota mir-Rev. Patri Ambroġ Zammit O.S.A. mir-Rabat ta' Malta. [3]

Fit-tielet pjan tat-taraġ (fuq) fil-Kunvent ta' San Franġisk hemm arloġġ kbir. Fuq dan l-arloġġ hemm kitba bil-Latin li tgħid hekk: "Pereunt Et Imputantur", li bil-Malti jfissru: "Għebu bil-Ħtija jew bil-Mertu".

Fil-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini nsibu wkoll arloġġ li kien ġie aġġ_ustat mill-arloġġar Manwel Schembri (illum mejjet) mill-Fontana f'Settembru 1981.

**It-Tokki tal-Ħdax ta' Fil-Għodu**

Dari, nies li jagħmulha tajjeb ftit li xejn kont issib f'Għawdex. Il-ftit sinjuri kienu magħrufin ma' Għawdex kollu. Min-naħa l-oħra, in-nies ta' skola kont tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda. Il-kotra tan-nies kienet bla skola u b'hekk l-ebda tagħlim ma dawwal lil moħħom.

Ix-xjuħ tagħna kienu jżommu l-ħin max-xemx ta' fil-għodu, ta' nofs in- nhar u ta' fil-għaxija, u ma nżul ix-xemx. Oħrajn kienu jżommu l-ħin mad-daqq tal-Pater Noster, ta' Angelus, tal-Ħdax, ta' Nofs in-Nhar, ta' l-Ave Maria u ma' ta' l-Imwiet. Mela, ix-xemx u l-qampiena swew għal niesna ta' dari bħala arloġġ li la jtektek u lanqas jieħu ħabel. Il-progress jaf jaqleb il-wiċċ ta' l-istorja bid-drawwiet kollha tagħha.

Drawwa qadima li għadha ħajja sa llum hija dik tat-tokki tal-ħdax ta' fil-għodu mill-kampnar tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Min ikun qrib il- Bażilika jkun jista' jisma' dawn it-tokki kuljum għax is-sagristan mal-ħdax eżatt jiġbed għoxrin tokk bil-qampiena żgħira tal-kampnar. Ħafna, Maltin u barranin, jistaqsu dwar dan meta jkunu f'inħawi tal-Bażilika tagħna.

**Tal-Borom Wasal**

Iktar 'l quddiem ktibt li x-xemx u d-daqq tal- qampiena kienu juru l-ħin lil niesna. Minn kitba li għandi jidher li sa mis-sena 1836 it-tokki tal-ħdax ta' fil-għodu kienu jindaqqu biss kif għadhom sa llum, mill-kampnar tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Matul dik is-sena kien idoqqhom is-sagristan, l-għażeb Pietru Grima, li kellu ħuħ Toni. L-aħwa Grima kellhom ħuhom li kien is-sitt Kappillan taż-Żebbuġ, Għawdex, Dun Mikiel Grima li kien ħa l-pussess fl-24 ta' Frar 1829. Dun Mikiel kien Kanoniku tal-Kolleġġjata fil- Kastell u kien ġie magħżul mill-Isqof Ferdinandu Mattei. [4] Dun Mikiel miet fil-31 ta' Diċembru 1838 min tetanu f'sebgħu għax kien tnigges b'zokk ta' xitla tar-rozeto.

Mad-daqq tal-ħdax ta' fil-għodu ħafna kienu jlissnu "Tal-borom wasal" biex ifissru li kien wasal l-ħin ta' l-ikel. Tal-ħwienet mad- daqq tal-ħdax kienu jagħalqu, għax dari kienu jifthu ferm iktar kmieni millum.

Id-drawwa li l-kampnar ta' San Ġorġ idoqq it-"Tokki tal-Ħdax" bil- qampiena ż-żgħira għadha ħajja sa llum. B'xorti tajba ma messitiex ix- xorti ħażina li messet drawwiet oħra qodma fir-Rabat. Mad-daqq tat- tokki tal-ħdax ta' fil-għodu l-poeta Ġorġ Pisani għaraf iswwar waħda mil-leġġendi tiegħu li kienet dehret fuq "Il-Gżejjer" ta' Diċembru 1973. Huwa reġa stampaha fil-ktieb tiegħu "Għawdex johlom bil-Leġġendi".

***Riferenzi***


1. A. Bonnici, OFM Conv. Il-Matri Kolleġġjata ta' l- Assunta u l-Ewwel Parroċċi t'Għawdex, p.16
2. Il-Ħajja. 14 ta' Mejju 1980, p.5.
3. Kan. Nikol Vella Apap, "Ġrajjiet Għawdex" Ms. Vol. 3 p.12
4. Achille Ferres, Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo. 1866, p.605


# ROKNA TAT-TFAL

Għeżież tfal,Kif intom? Nittama li lkoll kemm intom tinsabu tajbin.

Ninsabu fl-istaġun tar-rebbiegħa meta n-natura tqum mir-raqda tax-xitwa u mill-ġdid terġa' tieħu l-ħajja.

Ninsabu wkoll fi żmien ir-Randan u jiena ċert li matul dan iż-żmien għażiż u qaddis tas-sena, l-iskola kellkom lċ-ċans li tisimgħu xi kors ta' eżerċizzi spiritwali. Nittama li qed tħallu fikom xi ftit tal- frott. Din hi okkażjoni ta' darba fis-sena u għalhekk għandkom tapprofittaw ruħkom minnha. Meta taqraw dawn il-kelmtejn tiegħl nkunu qrobna sew lejn il-festa ta' l-Għid il-Kbir. Tinsewx li din hi l-ikbar festa li għandha l-knisja, għax kif jgħid San Pawl: "Kieku Kristu ma qamx mill-imwiet fiergħa kienet tkun il-fidi tagħna". Iżda Kristu rebaħ u ġab fix-xejn il-mewt.

Għalhekk għandna biex nifirħu tassew.

Intom ittendejtu hux tassew, f'liema ġurnata qed infakkru Ħadd il-Għid f'din is-sena 2000! It-23 ta' April, jum San Ġorġ. Din il-festa tal-patrun tagħna sa timxi ġimgħa lura u għalhekk niltaqgħu biex nifirħu flimkien, il-Ħadd ta' wara 30 ta' April. Għalina dan huwa jum kbir. Importanti li nkunu preżenti fil-knisja u ngawdu wkoll dak li jsir fuq barra. Fuq kollox, irridu nimxu fuq il-passi tal- Matri tagħna San Ġorġ mhux bil-paroli, Iżda bil-fatti.

Mela ser nagħlaq dan il-messaġġ qasir billi nixteqilkom Festa Doppja: ***L-Għid it-Tajjeb u l-Festa t-Tajba f'Jum San Ġorġ.***

IZ-ZIJU PEPPI

# IL-ĠUBLEW: X'INHU U GĦALIEX

*(Siltiet mill-Ktieb ta' Mons Salv Borg -Publikazzjoni 'Lumen Christi')*

## IL-ĠUBLEW : GĦALIEX?

### *A. GĦALIEX IL-ĠUBLEW TAS-SENA 2000?*

"Ifisser ħafna li, tista' tgħid, kullimkien, is-snin jibdew jingħaddu mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, hekk li Kristu jsir iċ-ċentru tal-kalendarju li hu l-aktar użat illum"

"Fuq l-għatba tal-Millenju l-Ġdid, l-insara għandhom jinżlu umilment quddiem il-Mulej sabiex jistaqsu lilhom infushom dwar ir- responsabilta' li anke huma għandhom f'konfront mal-ħażen taż-żminijiet ta' llum".

Ir-rikorrenza tal-Ġublew trid:

- ◆ Tikkonferma lill-Insara ta' llum fil-Fidi f'Alla li wera lilu nnifsu fi Kristu;
- ◆ Issaħħaħ it-Tama, fl-istennija tal-ħajja ta' dejjem;
- ◆ Tħeġġeġ l-Imħabba mpenjata għas-servizz ta' l-aħwa.

Kemm hu faċli nilmentaw mill-ħażen kollu li qed jifni lid-dinja! Iż da int personalment x'qed tagħmel sabiex jirbaħ it-tajjeb? IL-ĠUBLEW HUWA OKKAZJONI LI L-MULEJ QED JOFFRILEK BIEX IĠĠEDDED IL-ĦAJJA TIEGĦOEKK U BIEX TAGĦTI XHIEDA TIEGĦEK PERMEZZ TAL-FIDI.

### *B. FIDI MĠEDDA QUDDIEM IL-MISSIER*

Fis-sena tal-Ġublew, l-insara jqegħdu lilhom infushom b'seħer imġġedded ta' fidi quddiem l-imħabba tal-Missier, li ħabb lill-Ibnu, "biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem". (Ġw.3, 16)

Għalhekk huwa meħtieġ:

**1. Eżami fil-fond tal-ħajja proprja ta' l-imgħammed:** X'qed nagħmel b'ħajti? Għaliex insejjaħ lili nnifsi nisrani? Fil-fatt jiena nisrani jew ta' l-isem biss? Il-fidi tiegħi hija ħajja? Min huma l-oħrajn għalija?

**Naħsbu ftit dwar dawn il-kelmiet tal-Vanġelu:** "X'jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha, jekk imbagħad jitlef jew jeqred lilu nnifsu?" (Lq. 9, 25)

**2. Sogħba Sinċiera:** Ħadd ma jidħak bil-Mulej; kulħadd għandu x'jisgħ bbih! "Il-ferħ tal-Ġublew huwa, b'mod partikolari, il-ferħ li ġġib magħ ha l-maħfra tad-dnubiet, il-ferħ tal-konverzjoni."

"L-istess ferħ ikun hemm fost l-Anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem". *(Lq 16,* 10)

**3. Proponiment Sod:** "Inqum u mmur għand Missieri..*(Lq 15,* 18) Bi tweġiba għall-istediniet li jsiruli: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba." (Mk , 15).

### *C. IL-ĠUBLEW MA' MARIJA*

Marija: f'rapport kontinwu mat-Trinità

**Mal-Missier:** Marija ġiet magħżula mill-Missier sa minn dejjem sabiex twettaq missjoni unika u mill-aqwa. Hi taċċetta li tikkollabora mal-pjani ta' Alla u li tkun fidila matul ħajjitha kollha. Hi ntelqet totalment f'idejH u tidħol f'kull għażla Tiegħu. Hi dejjem lesta biex tisma' fil-ġabra kull espressjoni tar-rieda Tiegħu.

**Ma' l-Iben:** Rapport kontinwu ta' mħabba u ta' servizz: f'Betlehem, fejn twieled; f'Nażareth, fejn trabba; fil-ħajja pubblika ta' Ġesù; fuq il-Kalvarju, wieqfa ħdejH imsallab.

**Ma' l-Ispirtu s-Santu:** Tikkopera bħala: għarusa fl-Inkarnazzjoni; ubbidjenti għal dak kollu li ried minnha; fit-talb tistenna l-Pentekoste għaliha u għall-Knisja.

### *D. IT-TIFKIRA TAL-MARTRI*

Il-Papa Ġwanni Pawlu II stedinna **fil-Bulla *Incarnationis Mysterium*** sabiex niskopru sinjal ieħor ætal-Ġublew: sinjal dejjiemi, illum mill-Iżjed elokwenti tal-verità ta' l-imħabba nisranija. Il-MARTRI (mill-Grieg Martys: li tfisser xhud) huma dawk kollha li taw xhieda tal-Vanġelu, billi taw ħajjithom għall-fidi proprja tagħhom.

Matul is-Sena Mqaddsa hi prevista ġurnata partikolari għaċ-ċelebrazzjoni ta' tifkira tal-MARTRI. Din ser tinż amm fis-7 ta' Mejju 2000, it-Tielet Ħadd ta' l-Għid.

Dak in-nhar ser tiġi ċċelebrata Kommemorazzjoni Ekumenika fil- COLOSSEO, f'Ruma, post simbolu tal-martirju ta' l-ewwel insara, li magħhom ix-xhieda tal-martri tas-Seklu XX tintrabat spiritwalment.

## JUM IL-FUNDATUR

Il-"Victoria Scout Group" fakkar Jum il-Fundatur b'diversi attivitajiet għall-membri u l-ġenituri tagħhom fosthom b'quddiesa fil-Bażilika ta' San Ġorġ mill-Ecc. Tiegħu Mons Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex. Flimkien ma' l-Isqof ikkonċelebraw il- Kappillan tal-Grupp Mons Arċipriet Ġużeppi Farrgia u l-*Kan. Dun Ġuż epp Sacco*. Fi tmiem il-quddiesa, Group Sc*out **Leader Lorrie Saliba ppreżenta*** l-ktieb *"Documenti Pontifici Sullo Scautismo"* lill-E.T. Mons Isqof, filwaqt li l-Arċipriet Mons Farrugia ppreżenta sett ta' kotba lill-Group Scout Leader biex jitpoġġew fil-Librerija tal-"Victoria Scout Group".



*Il-"Victoria Scout Group" flimkien ma' Mons Isqof u l-Arċipriet Mons G. Farrugia quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ.*

## SUĊĊESS IEĦOR GĦAS-SOĊ. FILAR. LA STELLA FIL-KARNIVAL

Din is-sena wkoll il-Karnival t'Għawdex reġa' ġab unuri għas-Soċjetà Filarmonika La Stella. Tnejn mit-tliet items li bihom is-Soċjetà kienet rappreżentata fil-konkorsi organizżati kisbu meritatament l- Ewwel Premju. Dawn kienu l-Kumpanija taz-Zfin tal-kbar "Logħba irjali bejn l-Ingliżi u l-Eġizzjani", li kisbet l-ewwel post kemm għad-danza kif ukoll għall-kostum, u s-sett ta' Maskri Grotteski "F"Għeluq sninha lis-Sinjura, mawra ħadniha sa Kemmuna". Ma kien hemm l-ebda dubju



li dawn iż-żewġ items kienu ser jiksbu l-għola marki fiż-żewġ kategoriji għaliex tabilħaq kienu fi klassi għalihom. Fis-sezzjoni tat-tfal tal-Kumpaniji taż-Żfin, il-kumpanija tagħna "Ejjew ninsġu melodija, Flimkien niżfnu f'allegrija" kisbet it-Tieni Post għall-kostum u danza. Kelma ta' tifħir tmur għall-Għaqda Żgħażagħ La Stella li kienet responsabbli minn dawn it-tliet items preżentati f'isem is-Soċjetà u ħajr lin-numru kbir ta' tfal u żgħażagħ li taw is-sehem tagħhom fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-Karnival.

Sadattant il-Banda La Stella wkoll ħadet sehem attiv fil-Karnival f'servizz li għamlet is-Sibt 4 ta' Marzu. Il-Banda dehret taħt l-*isem: "* Żernieq il-Millenju b'Kuluri Mużikali".

***Ritratt: Il-Kumpanija taż-Żfin tal-Kbar "Lobgħa Irjali bejn l-Ingliżi u l-Eġizzjani".***

# Sopran Celebri għall-Opra La Gioconda fit-Teatru Astra



Meta nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju li ġej, jitla' s- separju fuq il-palk tat-Teatru Astra għall-preżentazzjoni ta' l- opra grandjuża "La Gioconda", żgur li għajnejn kulħadd se jkunu fuq is-sopran ċelebri ta' fama internazzjonali, **Ghena Dimitrova**. Din il-brava kantanta ta' l-opra lirika ġiet mistiedna mill-Management tat-Teatru Astra biex tinterpreta l-parti ewlenija f'La Gioconda. Hija se tkun bla dubju l-aktar kantanta b'esperjenza vasta fil-qasam operistiku fost is-sitt kantanti barranin li ser jinġiebu għall-okkażjoni.

Kunsidrata bħala waħda mill-istilel il-kbar fix-xena operistika internazzjonali, **Ghena Dimitrova** serqet qlub kulħadd għall-vuċi mill-isbaħ li tippossiedi u għall-interpretazzjoni straordinarja tagħha f'għadd kbir ta' produzzjonijiet operistiċi u kunċerti sinfoniċi li dehret fihom. Hija ġriet minn teatru għall-ieħor madwar id-dinja kollha tinterpreta partijiet operistiċi ewlenin b'suċċess fenominali flimkien ma' kantanti oħra tal-kalibru tagħha, taħt id-direzzjoni ta' uħud mill-ikbar diretturi mużikali u artistiċi ta' l-opra lirika. Kull fejn dehret ma qalgħetx ħlief tifħir u apprezzament għall-interpretazzjoni inimitabbli tagħha.

Għal **Ghena Dimitrova** din se tkun l-ewwel żjara tagħha hawn Malta, żjara mill-aktar mistennija mil-mijiet ta' dilettanti Maltin u Għawdxin ta' l-opra.

Il-cast sħiħ ta' kantanti barranin li ser jinġiebu għal din l-opra, l-ewwel waħda tal-Millenju l-ġdid fit-Teatru Astra, jinkludi wkoll it-tenur **Rumen Doykov**, il-mezzo-sopran **Silvia Montanari**, il-kontralt **Edna Garabedian**, il-baritonu **Jivko Pranchev** u l-baxx **Francesco Palmieri**, li lkoll kemm huma jgawdu reputazzjoni tajba ħafna f'dan il-qasam. Tlieta minn dawn il-kantanti diġa taw prova tal-kapiċità artistika tagħhom quddiem il-pubbliku Malti għax niftakruhom tajjeb fi produzzjonijiet operistiċi li ttellgħu fit-Teatru Astra f'dawn l-aħħar snin u li tant qatgħu figura tajba fihom.

"La Gioconda" hija opra pjuttost ġdida mall-pubbliku Malti minħ abba l-fatt li kien 43 sena ilu li ġiet preżentata l-aħħar darba f"Malta. Hawn ta' min jammira l-kuraġġ u l-impenn tal-Management tat- Teatru Astra li għal darb' oħra qed jindaħal; għal opra li minkejja li hija kklassifikata bħala ħda 'grandjuża' ftit jew xejn għandhom konoxxenza tagħha d-dilettanti lokali ta' l-opra lirika. Hija n- norma ta' dan it-Teatru li minn żmien għal ieħor jinqata' mill-opri tradizzjonali li normalment isiru f'pajjiżna, u jippreżenta opra relittavament ġdida. Hekk ġara fl-1997 meta t-Teatru Astra tella' l- opra 'Macbeth' li għadha tissemma' sa llum għas-suċċess ernormi li kienet kisbet. Minkejja li xejn ma kjienet magħrufa, din l-opra ġ iet deskritta mill-kritiċi Maltin bħala l-akbar produzzjoni operistika li qatt saret f'Malta u Għawdex f'dawn l-aħħar snin.

Kapulavur ta' Amilcare Ponchielli, "La Gioconda" ġiet preżentata għ all-ewwel darba fit-Teatro alla Scala ta' Milan fit-8 ta' April 1976. Aktar tard, fl-1909, ġiet magħżula għall-ftuġ uffiċjali tal- Boston Opera House. F'Malta "La Gioconda" saret għall-ewwel darba fl-istaġun 1887/88.

Inkarigat mid-direzzjoni mużikali ta' l-opra fit-Teatru Astra se jkun il-**Prof. Joseph Vella**, fil-waqt li d-direzzjoni artistika se tkun f'idejn **Joseph Bascetta**, l-istess direttur li mexxa l-aħħar tliet opri f'dan it-teatru. Flimkien ma' l-Orkestra Nazzjonali jieħ u sehem il-Kor ta' l-Opra tat-Teatru Astra taħt id-direzzjoni tas- Sinjorina **Maria Frendo** u l-Akkademja tal-Ballet ta' **Tanya Bayona**.

L-opra ser isir taħt il-ħarsien distint tal-President ta' Malta, l- E.T. Dr. Guido de Marco, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għ awdex, Bank of Valletta u Maltacom plc. Għall-okkażjoni l-Gozo Tourism Association qed toffri *package deals* lil dawk kollha li dak in-nhar jridu jiġu Għawdex għal ġurnata jew tnejn ta' btala u sadattant jassiguraw ruħhom li jkollhom post riservat għal dan l-ispettaklu.

Minbarra r-rappreżentazzjoni tal-Ħamis 11 ta' Mejju, se ssir show oħra s-Sibt 13 ta' Mejju fis-7.00pm. Il-booking jinsab miftuħ.

B'konnessjoni ma' din il-produzzjoni, se jsir ***Celebrity Gala Dinner*** fil-Casino Maltese, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju fit-8.00pm, li bħala mistiedna speċjali se jkun hemm is-sitt kantanti barranin li ser jinġiebu għall-opra. Bookings għal dan id-Dinner jsiru fil-**Casino Maltese (Tel: 233002) jew fit-Teatru Astra (Tel: 556256).**

## MARCI FUNEBRI

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa 2000 il-Banda Ċittadina La Stella ħarġet għall-bejgħ CD Album ta' marċi funebri bl-isem **"ELEGY"**. L-Album, kompost minn żewġ CDs, jiġbor fih sett ta' għoxrin marċia funebri, ilkoll kompożizzjoni tas- Surmast Direttur tal-Banda, Prof. Joseph Vella. Dawn il-marċi nkitbu fiż-żmien li matulu Mro. Vella ilu Surmast-Direttur tal- Banda u huma lkoll dedikati lill-persuni li b'xi mod jew ieħor huma assoċjati mal-Banda. Ta' min jgħid li dawn il-marċi huma esklussività ta' din il-Banda Ċittadina u għaldaqstant ma jindaqqu minn ebda banda oħra f'dawn il-gżejjer.

Sadattant il-Banda La Stella ħarġet ukoll Cassette Tape bl-isem **"Juxta Crucem"** li jkopri sett ta' 10 marċi funebri li l-Ba;nda La Stella se ddoqq fil-purċissjoni devota tal-Ġimgħa l-Kbira li ta' kull sena toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ, l-eqdem purċissjoni f'Għawdex.

Fl-esekuzzjoni ta' dawn il-marċi l-Banda La Stella kienet taħt id- direzzjoni tas-Surmast Joseph Vella, filwaqt li r-recording engineer kien John Cauchi assistit mis-Sur Amabile Zammit.